MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1292/1995/2

Carmelo *sive* Charles **AZZOPARDI** fil-kwalita' tiegħu ta' direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' *Azzopardi Waterproofing Limited*

vs

Aldo u Marie Louise konjuġi **MUSCAT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' Settembru, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuh is-somma ta' elf mija u tmienja u sittin lira maltin u

erbgħa u sebgħin ċenteżmi (Lm 1168.74)[1] li tirrappreżenta l-bilanċ minn ammont akbar ta' prezz ta' xogħol u materjal ta' tiswija ta' soqfa tal-konkos u ta' tqegħid ta' *waterproofing membrane* li huwa wettaq fuq talba tagħhom fid-dar tagħhom bl-isem ta' "*Catareen*" Triq Mario Cortis, Ħ'Attard, magħduda mal-imsemmija somma t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Muscat fis-16 ta' Frar, 1996, li biha laqgħu għat-talba attriċi billi qalu li x-xogħol tat-tiswija tas-soqfa ma sarx sewwa u għalhekk l-ammont mitlub m'huwiex minnhom dovut;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' April, 1996[2], li bih ħatret lill-Arkitett Frederick Doublet bħala perit tekniku, biex jirrelata limitatament fuq il-materja teknika;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem l-imsemmi perit tekniku u dik imressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit tekniku fl-1 ta' Novembru, 1996[3], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-11 ta' Novembru, 1996;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-perit tekniku mressaq b'eskussjoni mill-attur *nomine*;

Rat il-provvediment mogħti fl-20 ta' Novembru, 1998[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-23 ta' Ġunju, 1998, li jitħallew jagħmlu x-xogħlijiet meħtieġa fis-saqaf tad-dar tagħhom sakemm tkun għadha miexja l-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Jannar, 1999, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza bil-fakulta' li l-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom

[1] Li jġibu € 2,722.43 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 13 tal-proċess
[3] Paġġ. 30 sa 41 tal-proċess
[4] Paġġ. 154 tal-proċess

permezz ta' Noti, liema degriet tħassar b'ieħor tal-5 ta' Mejju, 1999[5];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Mejju, 1999, li bih tawlet iż-żmien biex il-partijiet iressqu n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom u reġgħet ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-15 ta' Lulju, 1999[6];

Rat il-provvediment tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Ottubru, 1999[7], li bis-saħħa tiegħu waqfet milli tagħti s-sentenza u reġgħet ħatret lill-Perit Arkitett Frederick Doublet biex jirrelata mill-ġdid fuq l-aspetti tekniċi tal-każ limitatament dwar ix-xogħol ta' tiswija tal-*concrete* (eskluż ix-xogħol ta' *waterproofing*) u jistabilixxi jekk l-eċċezzjoni tal-imħarrkin kinitx mistħoqqa;

Rat ir-Rapport Addizzjonali mressaq mill-perit tekniku fil-25 ta' Jannar, 2002[8], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2003;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fit-23 ta' Ġunju, 2003, li bih talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali;

Semgħet it-Tweġibiet mogħtijin mill-Perit Tekniku għall-mistoqsijiet magħmulin lilu in eskussjoni mill-attur *nomine*;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2004, li bih tat żmien lill-imħarrkin biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'nota;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-27 ta' April, 2004[9];

---

[5] Paġ. 157 tal-proċess
[6] Paġġ. 160 – 3 tal-proċess
[7] Paġġ. 167 – 8 tal-proċess
[8] Paġġ. 193 sa 219 tal-proċess
[9] Paġġ. 238A – 9 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta’ xogħol imwettaq f’appalt. L-attur *nomine* tqabbad mill-imħarrkin, fuq rakkomandazzjoni li saritilhom mill-ġara tagħhom, biex jagħmel xogħol ta’ tiswija ta’ soqfa tad-dar tagħhom u wkoll ta’ kisi tal-bejt tagħhom bil-membrana biex ma jidħolx ilma fl-istess soqfa. Jgħid li, minkejja li temm ix-xogħol li tqabbad jagħmel, l-imħarrkin ma jridux iħallsuh il-bilanċ li fadal għaliex jallegaw li x-xogħol tat-tiswija tas-soqfa m’għamlux tajjeb. Minħabba li baqgħu ma bidlux fehmiethom, fetħilhom din il-kawża;

Illi l-imħarrkin għadhom jisħqu li x-xogħol tat-tiswija tas-soqfa ma sar tajjeb xejn u kien deher mill-ewwel wara ftit taż-żmien li sar ix-xogħol li ma kienx sar bis-sengħa. Jistqarru li ma kellhom l-ebda lment dwar ix-xogħol tal-kisi tal-bjut bil-membrana, imma dehrilhom li ma kellhom iħallsu xejn mill-bilanċ mitlub minħabba x-xogħol ħażin tat-tiswija;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-imħarrkin qabbdu lill-attur biex jagħmel xogħol ta’ tiswija fis-soqfa ta’ fuq tad-dar tagħhom fi Triq Mario Cortis, f’Ħ’Attard u kif ukoll li jiksi l-bejt tal-istess dar b’*waterproofing membrane*. Saru jafu bih meta l-ġara tagħhom kienet qabbdet lill-attur *nomine* biex jiksi l-bjut tad-dar tagħha bil-membrana ħalli ma jidħlilhiex ilma f’darha. Minħabba dħul ta’ ilma s-soqfa ta’ fuq tad-dar tal-imħarrkin kienu bdew jitfarfru u jaqgħu minnhom biċċiet tal-konkos. Meta l-attur *nomine* ra x’kellu jsir, F’Mejju ta lill-imħarrkin stima ta’ kull waħda mix-xogħlijiet li riedu[10]. Huma ikkonfermaw iż-żewġ stejjem u ħallsuh mitt lira (Lm 100) akkont;

---

[10] Dokti “CA1” u “CA2”, f’paġġ. 63 – 4 tal-proċess

Illi x-xogħol beda fil-31 ta' Lulju, 1995[11] billi l-attur u lavranti miegħu bdew inaddfu s-soqfa mill-konkos li kien qiegħed jitbewwaq sa ma kixfu x-xibka. Huma u għaddejjin bix-xogħol kien qed jinqala' s-saqaf biċċa biċċa minn kamra għal kamra. Wara li kienu tlestew xi erba' ambjenti, x-xogħol twaqqaf qabel ma ntemm ix-xogħol ta' rifinitura billi l-imħarrkin xebgħu bit-trabijiet[12]. Għalhekk, l-attur *nomine* għadda biex jagħmel ix-xogħol tal-kisi tal-bjut bil-membrana. L-attur *nomine* temm ix-xogħol fit-8 ta' Awissu, 1995. Wara li tlesta x-xogħol, l-attur bagħat kont wieħed tax-xogħol kollu[13], imma l-imħarrek talbu biex preferibilment joħroġ kont fuq il-kumpannija tiegħu u mhux fuq isem l-imħarrek personalment. Meta l-attur għamel hekk u ra li ma kienx sar il-ħlas, mar ikellem lill-imħarrek li qallu li l-flus kienu lesti, imma qabel iħallas ried jieħu konferma mingħand perit li x-xogħol sar sewwa għaliex kienu jidhru xi affarijiet fis-soqfa msewwija li setgħu juru li x-xogħol ma kienx sar sewwa[14]. L-attur u l-imħarrek tlewmu u ġew fl-idejn. Fil-21 ta' Awissu, 1995[15], l-attur *nomine* bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin, u billi dawn naqsu li jħallsu, fetaħ din il-kawża fis-27 ta' Settembru, 1995;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-każ, jidher li l-aspett ewlieni li jikkaratterizza l-kwestjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża huwa dak imqanqal bl-eċċezzjoni waħdanija tal-imħarrkin. Huma jixlu lill-kumpannija attriċi bi twettiq ħażin tal-appalt mogħti lilha, u dan f'parti biss minn dak l-appalt kollu. Kemm hu hekk, hemm qbil mill-imħarrkin ukoll li, fejn għandu x'jaqsam max-xogħol appaltat ta' kisi bil-membrana, x-xogħol mogħti ma kellu l-ebda nuqqas u sar sewwa. Kemm hu hekk, l-imħarrek kien mingħalih li din il-kawża saret biss għall-ħlas tal-appalt safejn kellu x'jaqsam mat-tiswija tas-soqfa[16];

---

[11] Affidavit tal-imħarrka 30.4.1996, f'paġ. 16 tal-proċess
[12] Affidavit tal-attur *noe* 7.2.1997, f'paġ. 60 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 94 tal-proċess
[14] Affidavit tal-imħarrek 30.4.1996, f'paġ. 18 tal-proċess
[15] Dok "CA3", f'paġ. 65 tal-proċess
[16] Xhieda tiegħu 10.11.1997 f'paġ. 82 tal-proċess

Illi kemm fl-eċċezzjoni tagħhom u kif ukoll matul ix-xhieda mogħtija minnhom u mix-xhud waħdieni mressaq minnhom (il-Perit arkitett Anthony Cassar), l-imħarrkin jisħqu li l-attur *nomine* tahom xogħol ħażin u li dan ix-xogħol irid jitneħħa kollu għaliex ma jiswa għal xejn u qiegħed iħalli d-dar tagħhom mikxufa għal ħsarat akbar. Fl-aħħar sottomissjoni tagħhom[17] itennu saħansitra li dan hu każ ta' inadempiment kuntrattwali li ma jistħoqq l-ebda ħlas;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[18]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[19]. Jekk, fir-rabta tal-obbligazzjoni, jkun ingħata żmien għat-twettiq tagħha, id-debitur li jħalli ż-żmien jgħaddi jitqiegħed *in mora* u jibdew jgħaddu mgħaxijiet kontrih favur il-kreditur. Iżda fejn ma jkunx ingħata żmien għall-obbligazzjoni jew fejn, minkejja li jkun ingħata żmien, id-debitur imut qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, id-debitur jew il-werrieta tiegħu jitqegħdu *in mora* biss wara li jiġu msejħin b'att ġudizzjarju[20];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[21]. Ġie wkoll stabilit li, f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jagħżel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob li jitħallas għad-danni li jkun ġarrab minħabba n-nuqqas ta' twettiq[22];

---

[17] § 8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 239 tal-proċess
[18] Art. 1125 tal-Kap 16
[19] Art. 1127 tal-Kap 16
[20] Art. 1130 tal-Kap 16
[21] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[22] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXIV.ii.578**)

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[23]. Huwa magħruf li, fil-kuntratt tal-appalt, l-għaqal mistenni mill-kuntrattur jissarraf f'dak "is-sens ta' professjonalita' teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni ruħu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti"[24];

Illi fid-dawl ta' dan il-kejl ta' mġiba, l-appaltatur irid iwettaq dak li jitqabbad jagħmel skond l-aħjar sengħa u ħila tiegħu biex jagħti xogħol tajjeb u fejjiedi lil min ikun qabbdu[25]. B'mod partikolari, l-appaltatur ma jistax iressaq 'il quddiem id-difiża li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex sar kif riedu l-kommittent, għaliex l-appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[26]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[27]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[28];

Illi lanqas ma jiswa l-argument ta' appaltatur li x-xogħol mogħti lill-kommittent ikun approvat minn dan tal-aħħar u li ma kienx ressaq ilmenti jew li, saħansitra, ikun reġa' qabbdu jagħmillu xogħol ieħor. Dan jingħad għaliex il-fatt li jsir il-ħlas jew ħlas akkont jew li x-xogħlijiet ikunu ġew approvati mill-kommittent m'humiex tarka li warajha l-appaltatur jista' dejjem u f'kull każ jistkenn mix-xilja tat-twettiq ħażin tal-appalt[29];

---

[23] Art. 1132(1) tal-Kap 16

[24] App. Ċiv. Inf. **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***

[25] App. Kumm. **1.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Guillaumier noe vs Borġ Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.438**)

[26] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)

[27] Art. 1133 tal-Kap 16

[28] Art.1134 tal-Kap 16

[29] Per eżempju, ara P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***

Illi, madankollu, l-fatt li xogħol mogħti b'appalt ikun fih xi nuqqasijiet ma jwassalx b'daqshekk li l-appaltatur naqas li jwettaq dak li ntrabat għalih u li dak in-nuqqas iqiegħed lill-istess appaltatur responsabbli għad-danni lejn il-kommittenti tiegħu[30]. Kemm hu hekk, fejn nuqqasijiet bħal dawn jirriżultaw li m'humiex ta' xejra essenzjali li jivvizzjaw il-kuntratt jew jagħtu lok għall-patt kommissorju, l-appaltant ikollu l-jedd biss li jitlob li tali nuqqasijiet jissewwew jew li jingħata tnaqqis fil-prezz tax-xogħol appaltat[31]. Hu huwa biss meta tali tiswijiet ma jkunux għadhom jistgħu jsiru aktar li l-kommittent jingħatalu l-jedd li jfittex għad-danni[32];

Illi fil-każ tal-lum, il-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti kien ressaq żewġ relazzjonijiet. F'tal-ewwel kien wasal għall-fehma li l-materjal speċjali użat mill-attur *nomine* biex sewwa s-soqfa kien ġeneralment applikat sewwa għajr f'parti żgħira minn waħda mill-kmamar u kellha terġa' tinqala'[33] u kif ukoll li x-xogħol ta' kisi u rfinitura ma kienx intemm, u għamel rakkomandazzjonijiet ta' x'kellu jsir[34]. Fit-tieni rapport tiegħu, u wara li kellu l-opportunita' li jifli x-xhieda li kienu ressqu l-partijiet sa dak inhar u wara li reġa' sema' xhieda ta' bixra teknika provduta mill-perit tekniku mqabbad mill-imħarrkin infushom, il-perit ġudizzjarju wasal għall-fehma finali li kien hemm xi nuqqasijiet fil-mod kif kien applikat il-prodott speċjali (li suppost kellu jkun "*non shrink*") wżat fil-mili tas-soqfa u r-riżultat viżwali li ħalla minħabba f'hekk[35]. Jidher li l-perit jemmen li ntuża aktar ilma fit-taħlita ta' dak il-prodott[36] u li forsi tqiegħed b'mod mgħaġġel u mhux skond ma jirrakkomanda l-manufattur tal-istess prodott. Madankollu, l-istess Perit Tekniku kien ċar li l-biżgħa tal-imħarrkin dwar il-ħsarat fis-soqfa ma kienx raġonevoli u li, f'kull każ, il-konsenturi li ħarġu fis-soqfa setgħu jkunu siġillati u, b'kisja bil-ġibs kif imiss, is-soqfa kienu jkunu msewwija sewwa. Kemm hu hekk, huwa wera l-fehma (u saħħaħ dan

[30] App. Kumm. **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XLII.i.699**)
[31] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[32] P.A. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cuschieri*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.iii.190**)
[33] § 4.5 f'paġ. 38 tal-proċess
[34] § 5 f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[35] §§ 9.15, 9.17 u 9.18, f'paġġ. 216 – 7 tal-proċess
[36] Ara x-xhieda tiegħu in eskussjoni 2.12.196, f'paġ. 53 tal-proċess

b'kalkoli) li l-attur *nomine* kellu jitħallas is-somma mitluba għajr għall-valur ta' Lm 134.20 rappreżentanti l-prezz tax-xogħol tal-kisi bil-ġibs li ma laħaqx wettaq[37];

Illi l-Qorti tosserva li l-fehmiet tal-Perit Tekniku baqgħu konsistenti fiż-żewġ rapporti tiegħu u jixhdu bħala fatt li n-nuqqasijiet li bihom l-imħarrkin jixlu lill-attur *nomine* huma rimedjabbli u, meta mqabblin mal-prezz kollu tal-appalt mogħti, mhux ta' entita' sostanzjali. Fis-sewwa, ma joħroġx minn dawk il-kostatazzjonijiet li l-kuntrattur attur naqas li jwettaq l-appalt mogħti lilu b'mod li jirriżulta l-inadempiment. Huwa minnu wkoll li l-imħarrkin baqgħu dejjem jirrifjutaw li jħallu lill-attur *nomine* jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali, minkejja li dan kien iddikjara b'verbal[38] sa minn qabel ma tressqet it-tieni perizja li huwa kien lest li jagħmel dak li kien irrakkomanda l-Perit Tekniku fl-ewwel rapport tiegħu. Huma baqgħu jisħqu li l-ħsarat huma akbar u li jridu jqabbdu lil ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol rimedjali. Filwaqt li l-Qorti tirrispetta r-rieda tal-imħarrkin, ma jidhrilhiex li dan għandu jissarraf f'sejba ta' inadempiment min-naħa tal-attur *nomine*, u dan meta wieħed iqis li l-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku mqabbad minnha jxejnu l-biżgħa infondat ta' ħsarat estensivi murija mill-imħarrkin;

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-imħarrkin abbandunaw it-talba tagħhom għall-ħatra ta' periti addizzjonali, biex iwaqqgħu il-fehmiet imtennija mill-perit tekniku fit-tieni rapport tiegħu. Huma ressqu lill-Qorti argumenti kontra dawk is-sejbiet, imma din il-Qorti ma ssibx li dawk l-argumenti jseħħilhom jikkonvinċuha biex twarrab ir-riżultanzi tekniċi li joħorġu minn dik ir-Relazzjoni biex tadotta t-teżi tal-imħarrkin;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tadotta l-fehmiet tal-perit maħtur minnha, u tilqa' t-talba attriċi bit-tnaqqis mill-ammont mitlub fir-rigward ta' dak ix-xogħol li l-istess attur *nomine* ma għamilx jew ma tħalliex jagħmel;

Illi, mbagħad, hemm il-fatt ukoll li l-imħarrkin ma għandhom l-ebda lment għax-xogħol tal-kisi bil-membrana

---

[37] §§ 9.22 u 10, f'paġ. 218 tal-proċess
[38] Paġ. 145 tal-proċess

li kien jagħmel mill-istess appalt u li ma tawx raġuni tajba lill-Qorti għaliex dehrilhom li dak lammont ma kellux jitħallas;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni tal-imħarrkin** miżżewġin Muscat bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li m'huwiex il-każ li l-appalt mogħti minnhom lill-kumpannija attriċi ma sarx skond is-sengħa u l-arti;

**Tilqa' limitatament it-talba attriċi**, minħabba li xi xogħlijiet li dwarhom qiegħed jintalab il-ħlas ma kinux saru, u tillikwida s-somma dovuta lill-kumpannija attriċi fl-ammont ta' elfejn erba' mija u għaxar euro (€ 2,410) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' tiswija ta' soqfa u wkoll ta' kisi ta' bjut bil-*waterproofing membrane* magħmul fuq talba tal-imħarrkin;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu flimkien u solidalment bejniethom is-somma msemmija ta' elfejn erba' mija u għaxar euro (€ 2,410) lill-kumpannija attriċi, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-21 ta' Awissu, 1995, sal-jum tal-ħlas effettiv, flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------